PDF Compressor Pro



Waqt il-preżentazzjoni tal-pittura tal-Madonna Ta' Pinu lill-Isqof Medhin

L-Isqof Mons. Markus Medhin iżur Għawdex

L-Isqof Mons. Markus G. Medhin, tad-Djoċesi ta' Jimma mill-Ethiopja kien fuq żjara fil-Gżejjer Maltin. Huwa qaddes fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu flimkien ma' Mons. Gorg Grima, direttur tal-Moviment Missjunarju 'Ġesù fil-Proxxmu'.

L-Isqof Markus flimkien mal-Moviment Missjunarju "Ġesù fil-Proxxmu" ser jibnu kumpless kbir għat-tfal b'kull tip ta' diżabilità fid-djoċesi tiegħu u l-knisja ta' dan il-bini ġdid ser tkun iddedikata lill-Madonna Ta' Pinu. Għal-hekk fl-aħħar tal-quddiesa ir-Rettur, Dun Gerald Buhagiar offra pittura tal-Kwardru Mirakuluż tal-Madonna Ta' Pinu.

L-Isqof Markus waqt iż-żjara tiegħu f'Malta kellu laqgħa wkoll mal-President ta' Malta, Dr. George Abela.



Is-sezzjoni tal-'Fitness' mtella' minn Annette Portelli Said

Attività fin-Nadur

F'*Peter Paul Camilleri Football Ground*, Nadur, nhar il-Ħamis 7 ta' Ġunju, filgħaxija, ittellgħet attività bl-isem ta' *The NiSe Family Fiesta*.

L-attività, waħda għall-familja kollha, kienet tinkludi fost affarijiet oħra, *Fitness sessions* minn Annette Portelli Said, *5-a-side football matches*, *bouncing castel*, *face painting*, u divertiment (kant u żfin) minn Rebecca Bonello, Sarah Bonnici, Michael Bajada, *The Turning Pointe Dancers*, u *Waterfall Dancers*.

Kull minn attenda għal din l-attività ta donazzjoni sabiex jgħinu lis-Sorijiet tal-Ursolini tal-Creche.




Logħob tal-futbol 5-a-side



Grupp ta' tfal minn dawk preżenti jiżfnu waqt l-attività

MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Waqt il-preżentazzjoni tal-Kotba fil-Kappella tal-Oratorju

Għotja ta' Kotba lill-Oratorju Don Bosco

Xi snin ilu, fuq inizjattiva ta' Fr. Charles Cini, sależjan, l-Oratorju Don Bosco t'Għawdex beda jgħammar librerija żgħira speċjaliżżata dwar Don Bosco, l-ispiritwalità sależjana u l-pastorali taż-żgħażagħ. Din tinsab fis-sagrestija t'isfel.

Il-Ħadd 10 ta' Ġunju, Fr. Charles Cini żar l-Oratorju u mill-ġdid ippreżenta għotja oħra ta' kotba biex ikomplu jiżdiedu f'din il-librerija speċjalizzata.

F'kelmtejn id-Direttur tal-Oratorju Fr Effie Masini, irringrazzjah ta' din l-inizjattiva tiegħu u wiegħdu t-talb tagħhom. Fl-istess waqt Fr Masini, reġa' tenna x-xewqa ta' Fr. Charles u tad-direzzjoni tal-Oratorju li dawn il-kotba ma jżejnux biss l-ixkaffi, imma li jsir użu għaqli minnhom. Fr Effie ħeġġeġ lil dawk kollha preżenti biex ifittxuha din il-librerija. Dawk l-Għawdxin li jixtiequ jissellfu xi kotba għandhom ikellmu lil John Cremona jew lil Dun Effie.



Jidhru Jason Vella (xellug) u l-bennej Grezzju Borg mix-Xagħra u li għamel xi snin hawn l-Awstralja, waqt ix-xogħol tal-bdil tal-ġebla tal-faċċata tal-Każin tal-Banda Prekursur

Xogħol fil-faċċata tal-Każin tax-Xewkija


Għadu kif tlesta xogħol estensiv ta' tindif u restawr kif ukoll xi tibdil strutturali fil-faċċata tal-Każin tal-Banda Prekursur, fix-Xewkija, fuq disinn tal-Perit John Saliba mgħejjun mill-Perit Ivana Farrugia. Din l-istess binja, kienet infetħet bħala skola tas-subien tax-Xewkija fit-2 ta' Diċembru 1861.

Xogħol taħt is-sorveljanza tal-Bennej u President tal-imsemmija Banda Louis Vella mgħejjun mill-bennej Grezzju Borg u diversi ħaddiema oħra. L-inawgurazzjoni, mill-President Louis Vella u mill-Ministru Chris Said u t-tberik mill-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Carmelo Mercieca, ser issir illum it-Tlieta 19 ta' Ġunju, fi tmiem programm mużikali, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anthony Borg, fi Triq Santa Katerina, ix-Xewkija, bejn id-9.00 p.m. u l-11.00 p.m. Jindaqq l-Innu l-Kbir "*La Nativita di San Giovanni Battista*" bis-sehem tas-solisti u l-kor tas-soċjetà.

Biex jitfakkar dan l-avveniment, fl-imsemmi Każin, min-nhar l-Erbgħa 20 sal-Ħadd 24 ta' Ġunju ser tittella' wirja bl-isem ta' *'Il-Kult tal-Battista matul iż-żmenijiet'*, inawgurata minn Giovanna Debono Ministru għal Għawdex.

F'din il-wirja ser ikun hemm abbozzi tal-pittura tal-knisja rotunda tax-Xewkija, pittura oriġinali ta' Pawlu Camilleri Cauchi, Stefano Erardi, Caffaro Rore, obbozzi diversi u oġġetti oħra li għandhom x'jaqsmu ma' San Ġwann Battista, bil-ħinijiet tal-ftuh ikunu bejn id-9.00a.m. u s-1.00 p.m. u mis-6.00 p.m. sal-11.00 p.m.

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
PO Box 330 Merrylands NSW 2160
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.
Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna